**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**

**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Awwissu, 2024**

**Kawża Numru: 5**

**Rikors Guramentat Numru:- 1048/2023 JVC**

**L-Onorevoli Glenn Bedingfield fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti 'Mustafa Ali'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrenti L-Onorevoli Glenn Bedingfield fil-kwalita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti 'Mustafa Ali' talab kif isegwi:

**'Il-Fatti**

Illi r-Rikorrent Mustafa Ali twieled f'Malta fl-isptar San Luqa fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tal-elf disgha mija tmienja u tmenin (1988) minn genituri Libjani illi kienu jghixu Malta billi l-missier kien jizvolgi xoghol ta' lettur fl-Universita' ta' Malta;

Illi, r-Rikorrent ghandu cittadinanza doppja, kemm dik Maltija u kemm dik Libjana;

Imma mat-twelid tieghu, inghata l-isem ta' 'Mustafa' mill-genituri tieghu meta kien irregistrat it-twelid tieghu fid-disgha (9) ta' Gunju tal-elf disgha mija tmienja u tmenin (1988). Izda minkejja illi fuq ic-certifikat tat-twelid jidher bhala 'Mustafa Ali', kunjo il-genituri tieghu kif jidher immarkat bhala Dok 'A' , dan m'huwiex l-isem propju shih tieghu;

Illi ismu propju shih huwa 'Mustafa Mohamed M Elgoaj' kif jidher mill-vera kopja tradotta tac-certifikat tat-twelid mahrug mill-awtoritajiet ta' Tripli u mmarkat bhala DOK 'B' . Ghal kull buon fini, vera kopja tac-certifikat originali bil-lingwa Libjana mahruga mill-awtoritajiet Tripli hija mmarkata DOK 'C';

Illi l-isem shih tieghu ' Mustafa Mohamed M Elgoaj' huwa wkoll ikkonfermat fuq il-passaport mahrug mahrug mill-awtoritajiet Libjani. Liema dokument huwa mmarkat bhala DOK 'D';

Billi c-certifikat tat-twelid tieghu f'Malta ma jirriflettix l-isem propju shih tieghu, huwa baqa' maghruf fid-dokumenti mahruga mill-Gvern Malti bhal 'Mustafa Ali';

**Talba**

Ghaldaqstant ir-Rikorrent Noe umilment jitlob li, in vista tas-suwspost, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha'

1. Tordna li jsiru l-annotamenti mehtiega fuq l-att tat-twelid tar-Rikorrent 'Mustafa Ali' sabiex sussegwentement ikun maghruf bl-isem propju u shih tieghu ta' Mustafa Mohamed M elgoaj' fuq id-dokumenti mahruga mill-Gvern Malti, ossija Karta tal-Identita' u Passaport sabiex ikun evitat holqien ta' dubju fuq l-identita' tieghu;

2. Tordna li l-istess korrezzjoni ghandha tigi wkoll riflessa f'kull Att iehor ta' status civili mahrug jew li jista' jinhareg fuq ir-Rikorrent u dana a tenur tal-Art.253 (3) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u d-Direttur Intimati minn ingunt ghas-subizzjoni. '

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku illi taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament jingħad illi trid issir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għandu jippreżenta prova illi huwa fil-fatt mandatarju speċjali tas-Sur Mustafa Ali f'dawn il-proċeduri;

3. Illi tajjeb jiġi rilevat illi dwar din it-talba ġia tressaq rikors quddiem il-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Awissu 2023 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċeduri ġodda li r-rikorrenti jista' jippreżenta quddiem din l-Onorabbli Qorti, kopja tad-digriet anness u mmarkat **Dok. DRP 1**;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponent mhuwiex edott mill-fatti;

5. Illi mill-informazzjoni fil-poteri tal-esponent jirriżulta illi skont l-Att tat-Twelid b' numru progressiv 2513/ 1988, 'Mustafa ALI' twieled nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 1988 ġewwa Malta lil 'Mohamed Mustafa ALI' u 'Weddad *wife of the said* Mohamed Mustafa Ali'. Tali reġistrazzjoni saret a bażi ta' dak iddikjarat mill-missier u dan kif jirriżulta mill-istess Att tat-Twelid anness mar-rikors promotur. Għaldaqstant ċertament ma jistgħax jingħad li sar xi żball jew nuqqas mill-esponent;

6. Illi minn dak li jirriżulta fir-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti nominee qiegħed jisħaq illi fil-fatt 'Mustafa Ali' huwa magħruf bħala 'Mustafa Mohamed M ELGOAJ' u sabiex isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu huwa jippreżenta ċertifikat tat-twelid Libjan tradott mill-Għarbi għal Ingliż kif ukoll kopja tal-passaport Libjan li jindikaw illi r-rikorrent huwa fil-fatt magħruf bl-isem kif irid li jiġi mibdul, lkoll annessi mar-rikors promotur;

7. Specifikament dwar **l-ewwel talba** jiġi rilevat illi skont l-Artikolu 234 tal-Kap. 16, l-esponent ma jistax jirreġistra kliem imqassar u għalhekk, speċifikament dwar l-ittra "M", għandu jiġi kjarifikat permezz ta' prova minn Awtoritajiet Libjani jew l-Ambaxxata Libjana f'Malta jekk l-isem "M" huwiex verżjoni mqassra ta' isem ieħor jew le;

8. Di piu', peress li jekk tintlaqa' t-talba kif dedotta, din se tfisser tibdil prattikament sħiħ tal-isem u l-kunjom tar-rikorrent, r-rikorrent nomine għandu jippreżenta konferma bil-miktub mill-awtoritajiet

Libjani kompetenti fejn jiġi kjarifikat illi illi 'Mustafa Ali' detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251388M huwa l-istess persuna detentriċi tal-passaport Libjan bin-numru AC210629;

9. Illi r-rikorrent nomine għandu wkoll jikkonferma kif mill-isem 'Mustafa' u l-kunjom 'ALI', r-rikorrenti ġie ndikat bl-isem 'Mostafa Mohamed M' u bil-kunjom 'ELGOAJ' ġewwa l-Libja u dana sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha stampa cara tal-fatti;

10. Illi kemm il-darba tkun sejra tintlaqa' l-ewwel talba, għandu jiġi speċifikat illi l-Att tat-Twelid tar-rikorrent għandu n-numru progressiv 2513/1988 stante illi din ma ġietx speċifikata fit-talba. Illi in oltre, tajjeb jingħad illi l-esponent ma jistax jagħmel tibdil fl-isem kif rifless fil-Karta tal-Identita' jew Passaport iżda limitatament fl-Att fil-poteri tiegħu. Illi sussegwentament għat-tibdil fl-Att tat-Twelid kemm il-darba l-ewwel talba tintlaqa', r-rikorrent nomine jkun jista jagħmel it-tibdiliet relattivi fuq l-istess dokumentazzjoni uffiċjali hekk indikata fl-ewwel talba;

11. Illi dwar **it-tieni talba**, sabiex it-tibdil fl-isem jigi rifless f'Atti ta' Stat Civili oħrajn, tali Atti għandhom jiġu speħifikati bin-numru progressiv u s-sena ta' kull wieħed, jekk dejjem hemm u għalhekk ir-rikorrent nomine għandu jippreżenta nota f'dan is-sens;

12. Illi finalment, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ u kif spjegat aktar qabel, l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u **għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;**

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 14 tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024 din il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-kawza odjerna r-rikorrent, kif ahjar espost fir-rikors guramentat tieghu, jitlob li din il-Qorti tawtorizza bdil sostanzjali kemm fl-isem kif ukoll fil-kunjom tieghu minn kif indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu ghal dak li huwa jsostni li huwa maghruf bih u cioe' minn 'Mustafa Ali' ghal 'Mustafa Mohammed M Elgoaj';

Id-Direttur intimat iressaq bosta eccezzjonijiet kif suespost.

Fil-mertu l-Qorti rat ic-certifikat tat-twelid tal-intimat esebit a fol. 4 tal-process minn fejn jidher li missier l-intimat huwa ndikat bl-isem ta' Mohamed Mustafa Ali. Omm ir-rikorrent tidher indikata bhala 'Weddad wife of the said Mohamed Mustafa Ali'.

Rat ic-certifikat tat-twelid li ghalih issir referenza fir-rikors guramentat mahrug mill-awtoritajiet Libjani u t-traduzzjoni tieghu a fol. 5 u 6 tal-process f'liema certifikat ir-rikorrent huwa muri bl-isem Mostafa Mohamed M u l-kunjom Elgoaj filwaqt li missieru huwa muri bhala Mohamed bil-kunjom Elgoaj.

Rat il-kopja tal-passaport Libjan tar-rikorrent a fol. 7 tal-process li wkoll turih bl-isem 'Mostafa Mohamed M' u l-kunjom 'Elgoaj' filwaqt li bhala

data tat-twelid u l-lok tat-twelid dawn jaqblu mac-certifikat tat-twelid Malti.

Rat il-kopja tad-decizjoni tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili li cahdet it-talba tar-rikorrent a fol. 13 tal-process. Rat li fl-istess decizjoni jinghad li t-talba giet michuda bla pregudizzju ghal kwalunkwe rikors iehor li jista' jsir mir-rikorrent ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimat fir-rigward mihiex gustifikata u ser tigi michuda.

Rat il-kopja tal-prokura li tawtorizza lir-rikorrent jipprezenta l-proceduri odjerni b'dana li anki l-eccezzjoni f'dan ir-rigward imqajjma mid-Direttur intimat hija sorvolata.

Rat l**-affidavit tar-rikorrent a fol. 19 tal-process** li jaqra kif isegwi:

'i. Nghid illi jiena kont tajt struzzjonijiet lill-Onorevoli Glenn Bedingfield sabiex dan ikun jista' jirraprezentani f'kawza li jiena ridt inressaq gewwa Malta u dana sabiex fl-Att tat-Twelid tieghi, li jiena gia ressaq f" din il-kawza (Dok. A), ismi jinbidel minn 'Mustafa Ali' ghal 'Mustafa Mohammed M Elgoaj';
ii. Nghid illi jien dan ghamiltu minhabba l-fatt illi jiena nghix gewwa l-Libja u nigi Malta ghal xi ftit jiem matul is-sena;
iii. Illi l-Onorevoli Bedingfield accetta dan, u fil-fatt, qabbad lill-Avukat Edward Zammit Lewis sabiex iressaq din il-kawza;
iv. Nghid illi jiena dan it-tibdil irrid naghmlu ghaliex, kemm fil-Libja, u kemm barra mil-Libja, jiena kap ta' kumpanija li tahdem fil-qasam tal-electricians u jiena kont maghruf dejjem bhala 'Mustafa Mohammed M Elgoaj';
v. Nghid illi jiena intbaht b'dan wara li gie irregistrat l-Att tat-Twelid gewwa Malta u meta kbirt;
vi. Nghid illi jien illum ghandi hamsa u tletin [35] sena u minn dejjem ridt inbiddel dak li hemm fl-Att tat-Twelid (Dok. A) u dana sabiex jiena ma jkollix tahwid fid-dokumenti ufficjali tieghi;

vii. Nghid illi, apparti minn hekk, jien irrid illi ismi u kunjomi jkunu korretti u kif suppost u kif ukoll, kif jiena maghruf man-nies u fix-xoghol tieghi.
viii. Nghid illi, jiena nikkonferma li jiena l-istess persuna illi qed nigi indikat bhala 'Mustafa Ali' bil-Karta tal-Identita' bin-numru 251388M u li ghandi l-Passaport Libjan bin-numru AC210629.
ix. Nghid illi, minhabba s-sitwazzjoni fil-Libja, li hija ben maghrufa, jiena ma nistax ingib konferma ta' dan.
x. Nghid illi, l-ittra 'M' f'ismi qieghda hemm ghaliex hija parti minn ismi hekk kif inhi. Din dejjem kienet hekk, hekk kif jindika l-istess passaport Libjan esebit mal-kawza tieghi (Dok. D).
xi. Nghid illi, ghalkemm jiena ma tantx naf sew bil-Malti, din id-dikjarazzioni ghamiltha wara li l-Malti li ktibt gie spjegat lili minn siehbi li kien mieghi, li jismu Muhammed Ziada, li ghandu il-Karta tal-Identita 234919L, u li jaf kemm bil-lingwa Maltija u kemm bil-lingwa Gharbija.'

Rat l-affidavit ta' Majdi Zarmuh a fol. 24 li jixhed kif isegwi:

1 'I have been living together with my family in Malta for the last year.
2 I work as an instructor at the Libyan Higher Institute in Ta' Giorni.
3 I have known Mustafa Mohamed M Elgoaj for the last quarter of a century. I also know his family in general, that is, his mother, his brother and sister, his two uncles (one of whom has passed away), and his father.
4 I have always known Mustafa Mohamed M Elgoaj by precisely this name.
5 I may further add that the word 'Ali' was never part of the name Mustafa Mohamed M Elgoaj'.

Rat **l-affidavit ta' Huwida A Megrrawi esebit a fol. 25 tal-process** li jaqra kif isegwi:

'1. I have been living together with my family in Malta for the last year.
2. My husband Majdi Zarmuh works in Malta as an instructor at the Libyan Higher Institute in Ta' Giorni.
3. I am a housewife.

4. I have known Mustafa Mohamed M Elgoaj and his all of his family since birth, and this because we are related through blood.
5. I have always known 'Mustafa Mohamed M Elgoaj" by precisely this name.
6. Mustafa Mohamed M Elgoaj is related to me. His father Mohamed Mustafa Elgoaj is my uncle, that is my mother's brother.
7. I may add that the word 'Ali' has nothing to do with our client Mustafa Mohamed M Elgoaj, but it is the name of his great-grand father.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**
Illi l-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent itendi sabiex iressaq zewg linji ta' gustifikazzjoni ghal dak li qed jitlob. F'partijiet minnhom isostni li huwa minn dejjem kien maghruf bl-isem u l-kunjom indikati minnu bhala 'Mustafa Mohamed M Elgoaj' u mhux 'Mustafa Ali' w'ghalhekk qed jitlob il-bidla fl-isem fuq din il-bazi. F'partijiet ohra tal-provi tinghata ndikazzjoni li anki missier ir-rikorrent ma kienx kunjomu Ali izda kien kunjomu 'Elgoaj'. Jigi izda sostnut mix-xhieda mressqa mill-istess rikorrent li l-kunjom 'Ali' huwa kunjom in-nannu patern tar-rikorrent. Fil-fatt dan huwa ndikat ukoll car fic-certifikat tat-twelid li tieghu qed tintalab il-korrezzjoni.

Illi l-Qorti rat li ghalkemm ir-rikorrent sostna li kien difficli ghalih sabiex igib dokumentazzjoni mil-Libja biex jissostanzja dak allegat minnu, din il-Qorti ssibha difficli sabiex temmen li r-rikorrent ma setax almenu jressaq xi prova dokumentarja li missieru kien kunjomu 'Elgoaj' u mhux 'Ali' kif indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu, jekk mhux b'dokumentazzjoni ufficcjali almenu dokumentazzjoni uzata minn missieru tul iz-zmien. Din il-Qorti wkoll ma tistax tifhem kif missier ir-rikorrent li jidher li hemm qbil li kellu missieru kunjomu 'Ali' spicca kunjomu 'Elgoaj'. Dwar dan ukoll ma tressqet l-ebda prova konkreta.

Illi din il-Qorti mihiex konvinta mill-provi mressqa fl-atti li r-rikorrent verament huwa maghruf bl-isem indikat minnu wisq anqas hija konvinta li kien hemm xi zball fic-certifikat tat-twelid tieghu u li ghandu jigi korrett anki ghaliex l-isem u l-kunjom indikati kif ghandhom jigu korretti huwa

ferm differenti. In oltre, l-Qorti ma rat imkien xi dokument li juri d-derivazzjoni tal-kunjom 'Elgoaj'.

Illi din il-Qorti ghandha dubji serji dwar ir-raguni vera ghalfejn qed tintalab il-bidla f'isem u l-kunjom tar-rikorrent u in vista tan-nuqqas ta' provi aktar konkreti, tqis li t-talbiet tar-rikorrenti ma gewx sufficjentement ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti u fuq nuqqas ta' provi l-Qorti tghaddi sabiex tilqa' r-risposta tal-intimat Direttur sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**6 ta' Awwissu, 2024**

**Cora Catania**

**Deputat Registratur**

**6 ta' Awwissu, 2024**